SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

18 ta' Lulju 2013 *

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Regolament (KEE) Nru 3665/87 — Ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni — Użu ħażin tal-merkanzija intiża għall-esportazzjoni — Obbligu ta' rimbors mill-esportatur — Assenza ta' komunikazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tal-informazzjoni rigward l-affidabbiltà tal-kokontraent, issuspettat bi frodi — Każ ta' forza maġġuri — Assenza"

Fil-Kawża C-99/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal de première instance de Brussell (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Frar 2012, fil-proċedura

Eurofit SA

vs

Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. Berger, President tal-Awla, E. Levits u J.-J. Kasel (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Eurofit SA, minn S. Woog, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u J.-C. Halleux, bħala aġenti, assistiti minn B. De Moor u V. van Steenkiste, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Burggraaf u D. Triantafyllou, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' forza maġġuri fis-sens tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistipula regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94 tat-2 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 310, p. 57, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 3665/87").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Eurofit SA (iktar 'il quddiem "Eurofit") u l-Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB) dwar ir-rimbors ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni mogħtija lil din il-kumpannija abbażi ta' dokumenti foloz.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-ewwel u t-tieni premessi tar-Regolament Nru 2945/94 huma fformulati kif ġej:

"billi l-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ tipprevedi l-għotja ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni biss fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kwantità, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott esportat kif ukoll id-destinazzjoni ġeografika tiegħu; billi, fid-dawl tal-esperjenzi miksuba, il-ġlieda kontra l-irregolaritajiet, u fuq kollox kontra l-frodi, għad-detriment tal-baġit Komunitarju għandha tiġi msaħħa; billi, għal dan il-għan, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa indebitament kif ukoll sanzjonijiet b'mod li l-esportaturi jkunu nkoraġġiti josservaw il-leġiżlazzjoni Komunitarja;

billi, sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni, is-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati irrispettivament mill-aspett suġġettiv tal-ħtija; billi madankollu għandha tiġi rrinunzjata l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet f'ċerti każijiet, b'mod partikolari ta' żball manifest irrikonoxxut mill-awtorità kompetenti, u jkunu previsti sanzjonijiet iktar iebsa fil-każ ta' att intenzjonat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Ir-Regolament Nru 3665/87 jipprovdi l-possibbiltà għall-operaturi li jesportaw prodotti agrikoli barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea li jibbenefikaw minn ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni.

5 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 3665/87 kien jipprovdi:

"1. Il-ħlas lura ddifferenzjat jew mhux iddifferenzjat huwa suġġett, minbarra għall-kundizzjoni li l-prodott ikun telaq mit-territorju doganali tal-Komunità, għall-kundizzjoni li l-prodott kien ġie, ħlief jekk ikun tħassar matul it-trasport wara każ ta' forza maġġuri, importat f'pajjiż terz u, jekk ikun il-każ, f'pajjiż terz speċifiku fit-tnax-il xahar wara d-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni:

[…]

3. Meta l-prodott, wara li jkun telaq mit-territorju doganali tal-Komunità, jitħassar matul it-trasport minħabba każ ta' forza maġġuri,

— f'każ ta' ħlas lura ddifferenzjat, għandu jitħallas l-ammont tal-parti tal-ħlas lura stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20,

— f'każ ta' ħlas lura mhux differenzjat, għandu jitħallas l-ammont totali tal-ħlas lura" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6 L-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Meta jinstab li l-esportatur, bil-ħsieb li jakkwista ħlas lura fuq l-esportazzjoni, ikun applika għal ħlas lura li jeċċedi lil dak applikabbli, il-ħlas lura dovut għall-esportazzjoni rilevanti għandu jkun dak applikabbli għall-prodott effettivament esportat, imnaqqsa:

a) għal nofs id-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u l-ħlas lura applikabbli fuq l-esportazzjoni effettivament imwettqa;

b) għad-doppju tad-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u l-ħlas lura applikabbli fil-każ fejn l-esportatur ikun, intenzjonalment, ipprovda data falza.

[…]

Is-sanzjoni inkwistjoni fil-punt (a) ma għandhiex tkun applikabbli:

— fil-każ ta' forża maġġuri,

— f'ċerti każijiet eċċezzjonali kkaratterizzati minn ċirkustanzi li huma barra mill-kontroll tal-esportatur li jseħħu wara l-aċċettazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni jew id-dikjarazzjoni tal-ħlas, u skont il-kundizzjoni li l-esportatur immedjatament, meta jikkonstata dawn iċ-ċirkustanzi u fit-terminu previst fl-Artikolu 47(2), jinforma l-awtoritajiet kompetenti, sakemm dawn ma jkunux diġà kkonstataw l-irregolaritajiet tal-ħlas lura mitlub,

— fil-każ ta' żball manifest, rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, fuq il-ħlas lura mitlub,

[…]

Meta t-tnaqqis imsemmi fil-punti (a) jew (b) jirriżulta f'ammont negattiv, dan l-ammont negattiv għandu jitħallas mill-esportatur.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

7 Eurofit hija kumpannija rregolata mid-dritt Belġjan attiva fis-settur tat-trasformazzjoni tal-ħalib u tal-esportazzjoni tal-prodotti tal-ħalib f'pajjiżi terzi.

8 Fix-xahar ta' Lulju 1996, Eurofit esportat butir lejn l-Albanija billi għaddiet mill-Italja. It-trasport tal-merkanzija kien previst bi trakk sa Bari (l-Italja), u l-bqija tal-vjaġġ sal-Albanija kellu jsir b'dgħajsa.

9 L-intermedjarju Taljan inkarigat bl-esportazzjoni kien il-kumpannija Taljana Di Fenza & Figli (iktar 'il quddiem "Di Fenza"). Il-ħlas tal-merkanzija kellu jsir qabel il-kunsinna u l-ammont tal-ħlas lura kellu jkun kopert b'garanzija bankarja.

10 L-ewwel kunsinna qajmet suspetti fir-rigward tal-affidabbiltà tal-intermedjarju. Fil-fatt, il-merkanzija ġiet iddevjata lejn Napoli (l-Italja), il-post ta' ħażna ma kienx magħruf u ma kienet teżisti l-ebda rabta navali bejn din il-belt u l-Albanija.

11 Peress li għamlet kuntatt mal-awtoritajiet konsulari tal-Belġju f'Napoli, Eurofit iddeċidiet li tibgħat lura t-trakk tal-merkanzija filwaqt li informat lil BIRB b'din id-deċiżjoni.

12 Wara li l-imsemmi intermedjarju serraħ moħħ Eurofit, din tal-aħħar bagħtet trakk ġdid ta' 22 tunnellata ta' butir. Dan tal-aħħar wasal f'Bari fl-14 ta' Awwissu 1996.

13 Fl-10 ta' Settembru 1996, il-BIRB ikkonferma mal-Eurofit li rċieva d-dokument T5 bit-timbri neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti u għamel l-ewwel ħlas lura fuq l-esportazzjoni li jammonta għal BEF 1 521 670.

14 Barra minn hekk, Eurofit ingħatat minn Di Fenza dokument mill-Ministeru għall-Finanzi Taljan indirizzat lil BIRB kif ukoll dokument ta' tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni fl-Albanija tal-merkanzija esportata.

15 Eurofit għamlet it-tieni kunsinna, fis-26 ta' Settembru 1996, imħallsa bi flus kontanti minn Di Fenza. Madankollu, iċ-ċekk mogħti bħala garanzija għall-ħlas lura rriżulta li ma kellux fondi suffiċjenti fih.

16 Fil-31 ta' Ottubru 1996, il-BIRB ikkonferma li rċieva d-dokument T5 mehmuż ma' din it-tieni kunsinna.

17 Eurofit għalhekk bagħtet, matul ix-xhur ta' Lulju sa Novembru 1996, total ta' għaxar trakkijiet li kull wieħed minnhom kien qiegħed iġorr 22 tunnellata ta' butir.

18 Din il-kumpannija ħadet, mingħand BIRB, għall-kunsinna tal-ewwel ħames trakkijiet kif ukoll għall-kunsinna tas-seba' trakk, ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għall-ammont ta' BEF 9 266 133 (EUR 229 701.44).

19 Min-naħa l-oħra, il-BIRB waqqaf il-pagamenti marbuta mal-merkanzija ttrasportata mis-sitt, mid-disa' u mill-għaxar trakk.

20 Fir-rigward tat-tmien trakk, li kien ġie ssekwestrat mill-awtoritajiet Taljani, Eurofit ippreżentat ilment quddiem il-qrati kompetenti Taljani kontra Di Fenza. Fl-2003, din tal-aħħar instabet ħatja fil-proċeduri kriminali għall-falsifikazzjoni tad-dokumenti T1 u T5.

21 Sussegwentement kien irriżulta li l-merkanzija kollha esportata probabbilment qatt ma kienet ħarġet mit-territorju tal-Unjoni Ewropea u li d-dokumenti tat-trasport mibgħuta lill-BIRB kienu foloz.

22 Fl-10 ta' Marzu 1998, il-BIRB talab lil Eurofit għar-rimbors tal-ħlasijiet lura mogħti indebitament, miżjud bil-flus li jikkorrispondu għas-sanzjoni prevista mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87. Sussegwentement, il-BIRB madankollu ma talabx għall-ammont korrispondenti għal din l-istess sanzjoni.

23 Fix-xahar ta' Lulju 1999, Eurofit ipproponiet li tirrimborsa lil BIRB il-ħlasijiet lura li kienet irċeviet, filwaqt li mandankollu ppreċiżat li dan il-ħlas ma kienx jippreġudika d-dritt tagħha li tieħu passi legali kontra dan tal-aħħar.

24 Fix-xahar ta' Settembru 2001, Eurofit fetħet kawża kontra BIRB quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tikseb il-kundanna ta' dan tal-aħħar għar-rimbors tal-imsemmija ħlasijiet lura, li jitilgħu għall-ammont ta' EUR 229 701.43, kif ukoll għall-pagament tal-ħlasijiet lura dovuti għas-sitt, għat-tmien, għad-disa' u għall-għaxar trakk, għal ammont ta' EUR 164 299.79. Barra minn hekk, Eurofit talbet sabiex tinħeles mill-pagament ta' penali għan-nuqqas ta' użu taċ-ċertifikati ta' esportazzjoni.

25 It-talba ta' Eurofit hija bbażata fuq il-prinċipju tal-eċċezzjoni ta' forza maġġuri fis-sens tar-Regolament Nru 3665/87, kunċett li huwa kkaratterizzat mill-eżistenza ta' ċirkustanzi esterni għall-esportatur, anormali u imprevedibbli, li l-konsegwenzi tagħhom ma jistgħux jiġu evitati minkejja d-diliġenza kollha użata.

26 Għalkemm Eurofit tammetti li l-fatt waħdu tal-miżapproprjazzjoni mwettqa mill-kokontraent tagħha, jiġifieri Di Fenza, ma jistax jikkostitwixxi każ ta' forza maġġuri, peress li l-għażla tal-kokontraent hija meqjusa bħala riskju li taqa' taħt il-qasam tal-operatur ekonomiku, hija ssostni li, billi tibbaża ruħha fuq is-sentenza tas-7 ta' Settembru 1999, De Haan (C-61/98, Ġabra p. I-5003), f'din il-kawża, peress li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma kinux ħallewha, minħabba l-attitudni tagħhom, tieħu idea korretta tar-riskji involuti fit-tranżazzjoni kkonċernata u ma ppruvawx iwaqqfuha milli tibda u lanqas milli tkompli l-esportazzjonijiet tagħha inkwistjoni, hija setgħet tibbenefika mill-eċċezzjoni ta' forza maġġuri.

27 Il-BIRB jikkontesta l-eżistenza ta' kwalunkwe ħtija li hija imputabbli lilu u jqis, għall-kuntrarju, li Eurofit naqset milli tuża d-diliġenza kollha neċessarja sabiex tevita d-dannu mġarrab. Għal dak li jirrigwarda s-sentenza De Haan, iċċitata iktar 'il fuq, il-BIRB jikkunsidra li din ingħatat fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni differenti minn dik applikabbli f'din il-kawża prinċipali u li għalhekk ma tistax tiġi trasposta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 3665/87.

28 Fir-rigward tal-argument tal-BIRB, li permezz tiegħu jsostni li ma kien għamel l-ebda ħtija, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-eċċezzjoni ta' forza maġġuri mqajma minn Eurofit ma tistax titqies li hija ekwivalenti għall-kunċett ta' ħtija mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għall-kuntrarju, hija tqis li l-fatt li dawn tal-aħħar, jekk ikun il-każ, kienu intenzjonalment naqsu milli jinformaw lil Eurofit dwar elementi li jirrigwardaw l-esportazzjonijiet tagħha kif ukoll il-fatt li ma vverifikawx id-dokumenti doganali, anki jekk tali nuqqas ta' informazzjoni kien iġġustifikat mill-eżistenza ta' investigazzjoni kriminali pendenti, jidhru li huma rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kunċett ta' forza maġġuri, sa fejn l-evalwazzjoni minn Eurofit tal-affidabbiltà tal-kokontraent tagħha kienet irriżultat żbaljata.

29 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"Meta l-awtoritajiet kompetenti jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba, jew deliberatament jikkomunikaw informazzjoni żbaljata lil operatur ekonomiku, filwaqt li jaffettwaw [joħolqu distorsjoni ta'] l-evalwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-affidabbiltà ta' kokontraenti [kokontraent] li jkun issuspettat bi frodi, jista' jingħad li jkun hemm każ ta' forza maġġuri fis-sens tar-Regolament [Nru] 3665/87 li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet (ħlasijiet lura) fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli?"

Fuq id-domanda preliminari

30 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk, essenzjalment, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 3665/87 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-ommissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jinformaw lill-esportatur dwar l-eżistenza ta' frodi mwettaq mill-kokontraent ta' dan tal-aħħar tikkostitwixxix każ ta' forza maġġuri fis-sens ta' dan ir-regolament.

31 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' forza maġġuri għandu jinftiehem fis-sens ta' ċirkustanzi esterni għal dak li jinvokahom, anormali u imprevedibbli, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux ikunu evitati minkejja d-diliġenza kollha użata (sentenzi tal-5 ta' Frar 1987, Denkavit België, 145/85, Ġabra p. 565, punt 11; tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-377/03, Ġabra p. I-9733, punt 95, kif ukoll tat-18 ta' Marzu 2010, SGS Belgium *et*, C-218/09, Ġabra p. I-2373, punt 44).

32 Peress li l-kunċett ta' forza maġġuri ma għandux kontenut identiku fid-diversi oqsma ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-tifsira tiegħu għandha tiġi ddeterminata skont il-kuntest legali li jkun intiż jipproduċi l-effetti legali tiegħu fih (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 1993, Huygen

et, C-12/92, Ġabra p. I-6381, punt 30; tat-13 ta' Ottubru 1993, An Bord Bainne Co-operative u Compagnie Inter-Agra, C-124/92, Ġabra p. I-5061, punt 10, kif ukoll SGS Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

33 Għal dak li jirrigwarda r-Regolament Nru 3665/87, għandu jiġi nnutat li l-Artikoli 5 u 11 tiegħu, dwar il-kundizzjonijiet għall-pagament tal-ħlas lura kif ukoll għall-irkupru tal-ammonti mogħtija indebitament u għas-sanzjonijiet applikabbli, jirreferu espliċitament għall-każ ta' forza maġġuri.

34 Dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jippreċiżaw u li jillimitaw l-effetti tal-forza maġġuri fil-kwistjoni tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Settembru 1998, First City Trading *et*, C-263/97, Ġabra p. I-5537, punt 41).

35 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 3665/87, il-pagament tal-ħlas lura huwa suġġett, minbarra għall-kundizzjoni li l-prodott ikun telaq mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, għall-kundizzjoni li l-prodott ikun ġie importat fil-pajjiż terz ta' esportazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq First City Trading *et*, punt 27, kif ukoll SGS Belgium *et*, punt 40). Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif inhi fis-seħħ fid-data ta' meta seħħew il-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi l-għoti ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni unikament abbażi ta' kriterji oġġettivi, b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-kwantità, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott esportat kif ukoll id-destinazzjoni ġeografika tiegħu (sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister, C-210/00, Ġabra p. I-6453, punt 40).

36 Permezz ta' deroga, l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 3665/87 jipprovdi li madankollu l-pagament tal-ħlas lura huwa żgurat meta l-prodott, wara li jkun ħalla t-territorju doganali tal-Unjoni, tħassar matul it-trasport wara każ ta' forza maġġuri, hekk li ma setax jiġi rilaxxat għall-konsum fil-pajjiż terz ta' esportazzjoni (sentenza SGS Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

37 Sa fejn l-imsemmi Artikolu 5(3) jikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema normali tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni, huwa għandu jiġi interpretat b'mod ristrett. Peress li l-eżistenza ta' forza maġġuri hija kundizzjoni *sine qua non* sabiex ikun jista' jiġi pretiż ħlas lura għall-merkanzija esportata li ma tiġix rilaxxata għall-konsum fil-pajjiż terz ta' esportazzjoni, minn dan isegwi li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b'mod li n-numru ta' każijiet li jistgħu jibbenefikaw minn tali pagament jibqa' limitat (sentenza SGS Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46, kif ukoll, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading v Il-Kummissjoni, C-38/07 P, Ġabra p. I-8599, punt 60).

38 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87, mill-ewwel u mit-tieni premessa tar-Regolament Nru 2945/94 jirriżulta li, fid-dawl tal-esperjenzi miksuba, il-ġlieda kontra l-irregolaritajiet, u fuq kollox kontra l-frodi, għad-detriment tal-baġit Komunitarju għandha tiġi msaħħa u li, għalhekk, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa indebitament kif ukoll sanzjonijiet, peress li l-aspett suġġettiv tal-iżball imwettaq ma kellux effett f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Käserei Champignon Hofmeister, iċċitata iktar 'il fuq, punti 40 u 60). Għalhekk, dan l-artikolu jrendi responsabbli lill-esportatur, taħt piena ta' sanzjonijiet, sabiex jipprovdi dikjarazzjoni korretta, filwaqt li jittieħed preċiżament inkunsiderazzjoni r-rwol tiegħu bħala l-aħħar intervenjent fil-katina ta' produzzjoni, ta' trasformazzjoni u ta' esportazzjoni tal-prodotti agrikoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Käserei Champignon Hofmeister, iċċitata iktar 'il fuq, punti 62 u 81).

39 Fir-rigward tas-sanzjoni applikabbli, il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 jipprovdu li, meta jinstab li l-esportatur ikun applika għal ħlas lura li jeċċedi lil dak applikabbli fuq il-prodott li effettivament ġie esportat, dan jitnaqqas jew għal ammont li jikkorrispondi għal nofs id-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u dak applikabbli fuq l-esportazzjoni effettivament imwettqa, jew għal ammont ekwivalenti għad-doppju tad-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u l-ħlas lura applikabbli fil-każ fejn l-esportatur ikun, intenzjonalment, ipprovda data falza.

40 Għalhekk, huwa biss il-livell tas-sanzjoni li jiżdied jekk ikun hemm att intenzjonat u s-sanzjoni prevista fl-imsemmi punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) hija applikabbli wkoll meta l-esportatur ma kkommettiex ħtija. F'din l-aħħar ipoteżi, huwa biss fl-każijiet elenkati b'mod eżawrjenti fit-tielet subparagrafu ta' dan l-imsemmi Artikolu 11(1), li s-sanzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-artikolu ma hijiex applikabbli (sentenza tal-24 ta' April 2008, AOB Reuter, C-143/07, Ġabra p. I-3171, punt 17).

41 Fost l-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 jissemmew, b'mod partikolari, il-każ ta' forza maġġuri, ċerti każijiet eċċezzjonali kkaratterizzati minn ċirkustanzi li ma humiex fil-kontroll tal-esportatur kif ukoll il-każ ta' żball manifest fuq il-ħlas lura mitlub, rikonoxxut mill-awtorità kompetenti.

42 Madankollu, għandu jitfakkar li dawn id-dispożizzjonijiet jeżentaw lill-esportaturi unikament mill-ħlas tal-penalitajiet, iżda mhux mir-rimbors tal-ħlas lura riċevut minn qabel (ara, f'dan is-sens, is-sentenza First City Trading *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

43 F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jistax jiġi miżjud każ ġdid ta' eżenzjoni bbażat, b'mod partikolari, fuq l-assenza ta' aġir doluż tal-esportatur, mal-lista eżawrjenti li tinstab fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87. Fil-fatt, anki jekk il-ħtija jew l-iżball imwettaq minn kokontraent ta' dan tal-aħħar jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanza li ma hijiex fil-kontroll tal-esportatur, jibqa' l-fatt li dawn jaqgħu taħt riskju kummerċjali komuni u ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala imprevedibbli fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali. L-esportatur huwa liberu fl-għażla tal-kokontraenti tiegħu u huwa għandu jieħu l-prekawzjonijiet xierqa jew billi jinkorpora klawżoli f'dan ir-rigward fil-kuntratti li huwa jikkonkludi ma' dawn tal-aħħar, jew billi jagħmel assigurazzjoni speċifika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Käserei Champignon Hofmeister, punt 80 u ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll AOB Reuter, punt 36).

44 Hawnhekk, għandu jiġi osservat li l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 3665/87.

45 Fil-fatt, il-merkanzija inkwistjoni, li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, probabbilment qatt ma ħarġet mit-territorju tal-Unjoni, ma tistax titqies li tħassret matul it-trasport fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 3665/87.

46 Barra minn hekk, Eurofit ma tistax tistrieħ fuq l-eċċezzjoni ta' forza maġġuri prevista fl-ewwel inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87. Fil-fatt huwa paċifiku li l-kokontraent ta' Eurofit kien instab ħati fil-proċeduri kriminali għall-falsifikazzjoni ta' dokumenti fil-kuntest ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni. F'konformità mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 ta' din is-sentenza, ċirkustanza bħal din taqa' taħt riskju kummerċjali komuni fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali u ma tistax, għaldaqstant, titqies li hija imprevedibbli fir-relazzjonijiet kuntrattwali marbuta mal-eventwalità ta' esportazzjoni li tibbenefika minn ħlas lura.

47 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk l-aġir ta' awtorità doganali bħal dik ikkritikata tal-BIRB inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li kienet tikkonsisti fin-nuqqas ta' trażmissjoni tal-informazzjoni lill-esportatur, jew trażmissjoni b'mod intenzjonali ta' informazzjoni żbaljata, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' ċerti każijiet eċċezzjonali fis-sens tat-tieni inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, madankollu tali aġir ma jistax jeżenta lill-esportatur ikkonċernat mill-obbligu tiegħu ta' rimbors ta' ħlas lura riċevut indebitament (ara, b'analoġija, is-sentenza Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65).

48 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mis-sentenza De Haan, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-punt 32 ta' din is-sentenza, li l-eżiġenzi ta' investigazzjoni intiża sabiex ikunu identifikati u arrestati l-awturi jew il-kompliċi ta' frodi li tkun diġà twettqet jew li

tkun qiegħda tiġi ppreparata jistgħu leġittimament jiġġustifikaw l-ommissjoni intenzjonata li l-operatur ekonomiku kkonċernat ikun informat, kompletament jew parzjalment. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 53 u 54 ta' din l-istess sentenza, li l-ħtiġijiet ta' investigazzjoni bħal din, fl-assenza ta' frodi jew negliġenza imputabbli lid-debitur u għal raġunijiet ta' ekwità, jistgħu jikkostitwixxu sitwazzjoni partikolari skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-fatti inkwistjoni f'din il-kawża, jiġifieri, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/79, tat-2 ta' Lulju 1979, dwar ir-rimbors jew maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni (ĠU L 175, p. 1), hekk kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3069/86, tas-7 ta' Ottubru 1986 (ĠU L 286, p. 1).

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-ommissjoni mill-awtoritajiet doganali kompetenti li jinformaw lill-esportatur dwar l-eżistenza ta' riskju ta' frodi mwettaq mill-kokontraent ta' dan tal-aħħar ma tikkostitwixxix każ ta' forza maġġuri fis-sens tar-Regolament Nru 3665/87, u b'mod partikolari, tal-ewwel inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament. Fil-każ li tali ommissjoni tkun tista' tikkostitwixxi każ eċċezzjonali fis-sens tat-tieni inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, hija ma tistax mandankollu teżenta lil dan l-esportatur mill-obbligu tiegħu li jirrimborsa l-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni riċevuti indebitament, peress li dan tal-aħħar kien eżentat unikament mill-pagament tal-penalitajiet dovuti bis-saħħa ta' dan l-istess Artikolu 11.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-ommissjoni mill-awtoritajiet doganali kompetenti li jinformaw lill-esportatur dwar l-eżistenza ta' riskju ta' frodi mwettaq mill-kokontraent ta' dan tal-aħħar ma tikkostitwixxix każ ta' forza maġġuri fis-sens tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistipula regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94 tat-2 ta' Diċembru 1994, u, b'mod partikolari, tal-ewwel inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament. Fil-każ li tali ommissjoni tkun tista' tikkostitwixxi każ eċċezzjonali fis-sens tat-tieni inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, hija ma tistax mandankollu teżenta lil dan l-esportatur mill-obbligu tiegħu li jirrimborsa l-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni riċevuti indebitament, peress li dan tal-aħħar kien eżentat unikament mill-pagament tal-penalitajiet dovuti bis-saħħa ta' dan l-istess Artikolu 11.

Firem